KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 13 ta' Jannar 2010 (14.01)
(OR. en)

5314/10

COPEN 10

**NOTA TA' TIFSIR**

| | |
|---|---|
| minn: | Janusz Gaciarz, Ministru-Kunsillier, Rappreżentanza Permanenti tal-Polonja għall-Unjoni Ewropea |
| lil: | Ivan Bizjak, Direttur Ġenerali, Direttorat Ġenerali Ġustizzja u Affarijiet Interni, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| data meta waslet: | 22 ta' Ottubru 2009 |
| Suġġett : | Deċiżjoni Qafas 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska<br>- Ittra ta' notifika mill-Polonja |

Bis-supplimentazzjoni tal-ittra ta' notifika WSISW/MF/4023/24-70/09 mid-29 ta' Lulju 2009, jekk jogħġbok sib mehmuż il-lista tal-awtoritajiet kompetenti kif ukoll id-dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Polonja f'konformità mal-Artikolu 7(5) tad-*Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska.*

(formula ta' għeluq)

Janusz GACIARZ
Ministru-Kunsillier

Notifika mir-Repubblika tal-Polonja rigward id-Deċiżjoni Qafas 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska

Ir-Repubblika tal-Polonja tiddikjara li l-awtoritajiet kompetenti Pollakki fit-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska huma:

- meta r-Repubblika tal-Polonja hija l-istat emittenti: il-qrati reġjonali u distrettwali b'ġurisdizzjoni territorjali;

- meta r-Repubblika tal-Polonja hija l-istat ta' esekuzzjoni: il-qrati distrettwali b'ġurisdizzjoni territorjali.

L-awtoritajiet responsabbli biex jirċievu deċiżjonijiet, flimkien ma' ċertifikati, minn Stati Membri oħrajn huma l-qrati distrettwali b'ġurisdizzjoni territorjali. Dawn l-awtoritajiet jistgħu jiġu kkuntattjati fl-indirizzi mogħtija fl-Anness "Qrati reġjonali u distrettwali fil-Polonja".

L-awtorità responsabbli biex tassisti l-awtoritajiet kompetenti (l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni Qafas) hija d-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Liġi Ewropea fil-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Polonja:
Ministerstwo Sprawiedliwości Rzeczypospolitej Polskiej
Departament Współpracy Międzynarodowej i Prawa Europejskiego
Aleje Ujazdowskie 11, 00-950 Warsaw, Poland
Tel. +48 22 2390 870
Fax +48 22 6280 949
e-mail dwm@ms.gov.pl
www http://www.ms.gov.pl

Il-Ministeru tal-Ġustizzja huwa l-awtorità fir-Repubblika tal-Polonja responsabbli biex tikkonkludi ftehimiet mal-Istati Membri l-oħrajn dwar l-allokazzjoni ta' proprjetà maqbuda jew konfiskata mir-Repubblika tal-Polonja abbażi ta' deċiżjoni dwar qbid jew konfiska (Artikolu 16(4) tad-Deċiżjoni Qafas).

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Polonja rigward l-Artikolu 7(5) tad-Deċiżjoni Qafas 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska

Skont l-Artikolu 7(5) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordinijiet ta' konfiska, ir-Repubblika tal-Polonja tiddikjara li l-awtoritajiet kompetenti tagħha mhux ser jirrikonoxxu u jesegwixxu ordnijiet ta' konfiska f'każijiet fejn il-konfiska ta' proprjetà kienet ordnata skont il-poteri estiżi ta' konfiska msemmija fl-Artikolu 2(d)(iv) tad-Deċiżjoni Qafas.